# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

12 ta' Mejju 2011 *

Fil-Kawża C-176/09,

li għandha bħala suġġett rikors għal annullament skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 230 KE, ippreżentat fil-15 ta' Mejju 2009,

**Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu,** irrappreżentat minn C. Schiltz, bħala aġent, assistit minn P. Kinsch, avukat,

rikorrent,

sostnut minn:

**Ir-Repubblika Slovakka,** irrappreżentata minn B. Ricziová, bħala aġent,

intervenjenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

vs

**Il-Parlament Ewropew,** irrappreżentat minn A. Troupiotis u A. Neergaard, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

**Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,** irrappreżentat minn E. Karlsson u M. Moore, bħala aġenti,

konvenuti,

sostnuti minn:

**Il-Kummissjoni Ewropea,** irrappreżentata minn K. Simonsson u C. Vrignon, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

intervenjenti,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn K. Lenaerts, President tal-Awla, R. Silva de Lapuerta, G. Arestis, J. Malenovský u T. von Danwitz (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,
Reġistratur: R. Şereş, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-21 ta' Ottubru 2010,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-16 ta' Diċembru 2010,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 Permezz tar-rikors tiegħu, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-Direttiva 2009/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Marzu 2009, dwar l-imposti tal-ajruporti (ĠU L 70, p. 11), peress li din tikser il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament, ta' proporzjonalità u ta' sussidjarjetà.

**Il-kuntest ġuridiku**

2 Id-Direttiva 2009/12 ġiet adottata fuq il-bażi tal-Artikolu 80(2) KE.

3 Skont it-tielet sentenza tal-premessa 1 tal-istess direttiva "[i]l-korpi li jmexxu l-ajruporti li jipprovdu faċilitajiet u servizzi li għalihom jitħallsu imposti [tariffi] tal-ajruport għandhom jippruvaw joperaw fuq bażi ta' effiċjenza meta mqabbla man-nefqa".

4 L-ewwel sentenza tal-premessa 2 tal-imsemmija direttiva tistabbilixxi li "[j]eħtieġ li jiġi stabbilit qafas komuni li jirregola l-karatteristiċi essenzjali tal-imposti [tariffi] tal-ajruport u l-mod li bih dawn jiġu stabbiliti, minħabba li, fin-nuqqas ta' tali qafas, ir-rekwiżiti bażiċi fir-relazzjoni bejn il-korpi ta' tmexxija tal-ajruporti u l-utenti tal-ajruporti jistgħu ma jintlaħqux".

5 Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/12, il-premessi 3 u 4 tagħha jispeċifikaw li:

"(3) Din id-Direttiva għandha tapplika għal ajruporti [...] li jkunu ikbar minn daqs minimu, billi l-ġestjoni u l-finanzjament ta' ajruporti żgħar ma jeħtieġux l-applikazzjoni ta' qafas Komunitarju.

(4) Minbarra dan, fi Stat Membru fejn l-ebda ajruport ma jilħaq id-daqs minimu għall-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, l-ajruport bl-akbar movimenti ta' passiġġieri jgawdi minn tali pożizzjoni privileġġata bħala punt ta' dħul f'dak l-Istat Membru li huwa meħtieġ li tiġi applikata, għal dak l-ajruport, din id-Direttiva sabiex ikun garantit ir-rispett ta' ċerti prinċipji bażiċi fir-relazzjoni bejn il-korp tat-tmexxija u l-utenti tal-ajruport, b'mod partikolari fir-rigward tat-trasparenza tal-imposti [tariffi] u tan-non diskriminazzjoni fost l-utenti tal-ajruport".

6 Il-premessa 15 tad-Direttiva 2009/12 hija redatta kif ġej:

"Il-korpi ta' tmexxija tal-ajruporti għandhom ikunu jistgħu japplikaw imposti [tariffi] tal-ajruporti li jikkorrispondu għall-infrastruttura u/jew il-livell ta' servizz provdut billi t-trasportaturi bl-ajru għandhom interess leġittimu li jirrikjedu servizzi minn korp ta' tmexxija ta' ajruport li jikkorrispondu għall-proporzjon tal-prezz meta mqabbel mal-kwalità. Madankollu, l-aċċess għal livell differenzjat ta' infrastruttura jew ta' servizzi għandu jkun miftuħ għall-operaturi kollha li jkunu jixtiequ jagħmlu użu minnu, fuq bażi non-diskriminatorja. Jekk id-domanda tkun ogħla mill-provvista, l-aċċess għandu jiġi ddeterminat abbażi ta' kriterji oġġettivi u non-diskriminatorji li għandhom jiġu żviluppati minn korp ta' tmexxija ta' ajruport. Kwalunkwe differenzjazzjoni fl-imposti [tariffi] tal-ajruporti għandha tkun trasparenti, oġġettiva u bbażata fuq kriterji ċari".

7 Skont il-premessa 19 tal-imsemmija direttiva:

"Billi l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġu stabbiliti prinċipji komuni għall-istabbiliment ta' imposti [tariffi] tal-ajruporti fir-rigward tal-ajruporti Komunitarji, ma jistax jinkiseb suffiċjentement mill-Istati Membri billi fil-livell nazzjonali ma jistgħux jiġu stabbiliti sistemi ta' imposti [tariffi] tal-ajruporti b'uniformità fil-Komunità kollha, u għalhekk jista, minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, konformement mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Konformement mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan".

8 Skont l-Artikolu 1(1) u (2) tagħha, din l-istess direttiva "tistabbilixxi prinċipji komuni għall-ġbir ta' [tariffi] imposti tal-ajruporti Komunitarji" u din "tapplika għal kull ajruport li jinsab f'territorju suġġett għat-Trattat [KE] u miftuħ għat-traffiku

kummerċjali li t-traffiku annwali tiegħu jkun aktar minn 5 miljun moviment ta' passiġġieri u għall-ajruport bl-ogħla moviment ta' passiġġieri f'kull Stat Membru".

9 Skont l-Artikolu 2(4) tad-Direttiva 2009/12, imposta tal-ajruport tfisser "levy miġbura għall-benefiċċju tal-korp ta' tmexxija ta' ajruport u mħallsa mill-utenti tal-ajruport għall-użu ta' faċiltajiet u servizzi, li jiġu provduti esklużivament mill-korp ta' tmexxija ta' ajruport u li jkunu relatati mal-inżul, it-tlugħ, movimenti fl-art u pparkjar ta' inġenji tal-ajru, u l-ipproċessar ta' passiġġieri u merkanzija".

10 L-ewwel sentenza tal-Artikolu 3 tal-istess direttiva tipprovdi li "[l]-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-imposti [tariffi] tal-ajruport ma jiddiskriminawx bejn l-utenti tal-ajruport".

11 F'dan ir-rigward, id-Direttiva 2009/12 tistabbilixxi l-implementazzjoni ta' proċedura obbligatorja għall-konsultazzjoni regolari bejn il-korp ta' tmexxija tal-ajruport ikkonċernat u l-utenti tal-ajruport jew ir-rappreżentanti jew assoċjazzjonijiet tal-utenti tal-ajruport, u proċedura ta' rimedju. Fir-rigward ta' dawn il-proċeduri, l-Artikolu 6 ta' din id-direttiva jistabbilixxi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tiġi stabbilita proċedura obbligatorja għall-konsultazzjoni regolari bejn il-korp ta' tmexxija ta' ajruport u l-utenti tal-ajruport jew ir-rappreżentanti jew assoċjazzjonijiet tal-utenti tal-ajruport fir-rigward tal-operat tas-sistema ta' imposti [tariffi] tal-ajruport, il-livell ta' imposti [tariffi] tal-ajruport u, kif ikun jeħtieg il-każ, il-kwalità tas-servizz provdut. Tali konsultazzjoni għandha sseħħ għall-anqas darba fis-sena, ħlief jekk jiġi miftiehem mod ieħor fl-aħħar konsultazzjoni. Fejn jeżisti ftehim pluriennali bejn il-korp ta' tmexxija ta' ajruport u l-utenti tal-ajruport, il-konsultazzjonijiet għandhom iseħħu kif previst f'tali ftehim. L-Istati Membri għandhom iżommu d-dritt li jitolbu konsultazzjonijiet aktar frekwenti.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, kull fejn ikun possibbli, it-tibdil fis-sistema jew fil-livell ta' imposti [tariffi] tal-ajruport isir bi ftehim bejn il-korp ta' tmexxija tal-ajruport u l-utenti tal-ajruport. Għal dak l-għan, il-korp ta' tmexxija tal-ajruport għandu jippreżenta kwalunkwe proposta għal modifika fis-sistema jew fil-livell ta' imposti [tariffi] tal-ajruport lill-utenti tal-ajruport, flimkien mar-raġunijiet għat-tibdil propost mhux aktar tard minn erba' xhur qabel ma dawn jidħlu fis-seħħ, ħlief jekk ikun hemm ċirkostanzi eċċezzjonali li jeħtieġu li jiġu ġġustifikati mal-utenti tal-ajruport. Il-korp ta' tmexxija tal-ajruport għandu jkollu konsultazzjonijiet dwar il-bidliet proposti mal-utenti tal-ajruport u jieħu kont tal-fehmiet tagħhom qabel ma tittieħed deċiżjoni. Il-korp ta' tmexxija tal-ajruport għandu normalment jippubblika d-deċiżjoni jew ir-rakkomandazzjoni tiegħu mhux aktar tard minn xahrejn qabel ma tidħol fis-seħħ. Il-korp ta' tmexxija tal-ajruport għandu jiġġustifika d-deċiżjoni tiegħu fir-rigward tal-fehmiet tal-utenti tal-ajruport fil-każ li ma jintlaħaqx ftehim dwar il-bidliet proposti bejn il-korp ta' tmexxija tal-ajruport u l-utenti tal-ajruport.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-każ ta' nuqqas ta' qbil fir-rigward ta' deċiżjoni dwar imposti [tariffi] tal-ajruport li tittieħed mill-korp ta' tmexxija tal-ajruport, kwalunkwe parti tista' titlob l-intervent tal-awtorità ta' superviżjoni indipendenti msemmija fl-Artikolu 11, li għandha teżamina l-ġustifikazzjonijiet għall-modifika tas-sistema jew tal-livell ta' imposti [tariffi] tal-ajruport.

4. Il-modifika fis-sistema jew fil-livell ta' imposti [tariffi] tal-ajruport li tkun ġiet deċiża mill-korp ta' tmexxija tal-ajruport, jekk tiġi mressqa quddiem l-awtorità ta' superviżjoni indipendenti, m'għandhiex ikollha effett sakemm dik l-awtorità tkun għadha ma eżaminatx il-kwistjoni. L-awtorità ta' superviżjoni indipendenti għandha, fi żmien erba' ġimgħat minn meta l-kwistjoni tkun tressqet quddiemha, tieħu deċiżjoni temporanja dwar id-dħul fis-seħħ tal-modifika tal-imposti [tariffi] tal-ajruport, ħlief jekk id-deċiżjoni final tkun tista' tittieħed fl-istess skadenza.

5. Stat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax il-paragrafi 3 u 4 fir-rigward tat-tibdil fil-livell jew fl-istruttura ta' imposti [tariffi] tal-ajruporti f'dawk l-ajruporti li għalihom:

a) ikun hemm proċedura obbligatorja taħt il-liġi nazzjonali li permezz tagħha l-imposti [tariffi] tal-ajruporti, jew il-livell massimu tagħhom, għandhom jiġu determinati jew approvati mill-awtorità ta' superviżjoni indipendenti; jew

b) ikun hemm proċedura obbligatorja taħt il-liġi nazzjonali li permezz tagħha l-awtorità ta' superviżjoni indipendenti teżamina, regolarment jew fuq talba mill-partijiet interessati, jekk dawn l-ajruporti humiex suġġetti għal kompetizzjoni effettiva. Meta dan ikun ġustifikat fuq il-bażi ta' eżami bħal dan, l-Istat Membru għandu jiddeċiedi li l-imposti [tariffi] tal-ajruporti, jew il-livell massimu tagħhom, għandhom ikunu determinati jew approvati mill-awtorità ta' superviżjoni indipendenti. Din id-deċiżjoni għandha tapplika għall-perjodu ta' żmien meħtieġ fuq il-bażi tal-eżami mwettaq minn dik l-awtorità.

[...]".

12 Kull darba li għandhom isiru l-konsultazzjonijiet, il-korp ta' tmexxija ta' ajruport għandu, abbażi tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2009/12, jipprovdi lil kull utent tal-ajruport, jew lir-rappreżentanti jew assoċjazzjonijiet tal-utenti tal-ajruport, informazzjoni dwar l-elementi li jkunu l-bażi li fuqha jiġu ddeterminati s-sistema jew il-livell tal-imposti [tariffi] kollha miġbura minnha f'kull ajruport.

13 Fir-rigward tal-implementazzjoni u l-funzjonament tal-awtorità ta' superviżjoni indipendenti, l-Artikolu 11(1) sa (3) u (5) tad-Direttiva 2009/12 jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw jew jistabbilixxu awtorità indipendenti bħala l-awtorità ta' superviżjoni indipendenti nazzjonali tagħhom sabiex tiżgura l-applikazzjoni korretta tal-miżuri meħuda għall-finijiet ta' konformità ma' din id-Direttiva u sabiex tieħu f'idejha, għall-anqas, il-kompiti assenjati taħt l-Artikolu 6. Tali awtorità tista' tkun l-istess bħall-entità li l-Istat Membru jinkariga sabiex tiżgura l-applikazzjoni tal-miżuri regolatorji addizzjonali msemmija fl-Artikolu 1(5), inkluża l-approvazzjoni tas-sistema ta' imposti [tariffi] u/jew tal-livell tal-imposti [tariffi]

tal-ajruport, kemm-il darba din tikkonforma mar-rekwiżiti tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

2. Konformement mal-liġi nazzjonali, din id-Direttiva m'għandhiex tipprekludi lill-awtorità ta' superviżjoni indipendenti milli tiddelega, taħt is-superviżjoni u r-responsabbiltà sħiħa tagħha, l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva lil awtoritajiet ta' superviżjoni indipendenti oħra, sakemm dik l-implimentazzjoni ssir konformement mal-istess standards.

3. L-Istati Membri għandhom jiggarantixxu l-indipendenza tal-awtorità ta' superviżjoni indipendenti billi jiżguraw li din tkun ġuridikament distinta minn u funzjonalment indipendenti minn kwalunke korp ta' tmexxija ta' ajruport u trasportatur bl-ajru. L-Istati Membri li jkollhom proprjetà ta' ajruporti, ta' korpi ta' tmexxija tal-ajruporti jew ta' trasportaturi bl-ajru jew li jkollhom il-kontroll ta' korpi ta' tmexxija tal-ajruporti jew ta' trasportaturi bl-ajru għandhom jiżguraw li l-funzjonijiet relatati ma' tali dritt ta' proprjetà jew kontroll ma jingħatawx lill-awtorità ta' superviżjoni indipendenti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità ta' superviżjoni indipendenti teżerċita s-setgħat tagħha b'mod imparzjali u trasparenti.

[…]

5. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu mekkaniżmu ta' finanzjament għall-awtorità ta' superviżjoni indipendenti, li jista' jinkludi l-ġbir ta' imposta mingħand l-utenti tal-ajruporti u l-korpi ta' tmexxija tal-ajruporti".

14 Skont l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2009/12, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport, sa mhux iktar tard mill-15 ta' Marzu 2013, dwar l-applikazzjoni ta' din id-direttiva, li jevalwa l-progress fit-twettiq tal-għanijiet tagħha.

15 Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tal-imsemmija direttiva, l-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-direttiva sa mhux iktar tard mill-15 ta' Marzu 2011.

**It-talbiet tal-partijiet u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:**

16 Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— prinċipalment, tannulla l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2009/12 inkwantu dan jistabbilixxi li din tapplika għall-ajruport li jirreġistra l-ikbar numru ta' passiġġieri f'kull Stat Membru;

— sussidjarjament, tannulla d-Direttiva 2009/12 fl-intier tagħha u

— tikkundanna lill-Parlament u lill-Kunsill għall-ispejjeż

17 Il-Parlament u l-Kunsill jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— prinċipalment, tiċħad ir-rikors bħala infondat;

— tikkundanna lil Gran Dukat tal-Lussemburgu għall-ispejjeż u

— sussidjarjament, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-Direttiva 2009/12, iżżomm l-effetti tagħha sakemm jiġi adottat att ġdid.

18 B'digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Ottubru 2009, ir-Repubblika Slovakka u l-Kummissjoni ġew ammessi sabiex jintervjenu insostenn tat-talbiet, rispettivament, tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu u tal-Parlament kif ukoll tal-Kunsill.

**Fuq ir-rikors**

*Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament*

L-argumenti tal-partijiet

19 L-ewwel motiv tar-rikors, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, jinkludi żewġ partijiet distinti. Permezz tal-ewwel parti ta' dan il-motiv, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, sostnut mir-Repubblika Slovakka, isostni li huwa qed jiġi ttrattat b'mod differenti mill-mod ta' kif qed jiġu ttrattati l-Istati Membri li fihom hemm l-ajruporti reġjonali l-kbar, li jirreġistraw bejn miljun sa 5 miljun passiġġier fis-sena, għaliex, minkejja li jinsabu fl-istess sitwazzjoni bħal dik li jinsab fih l-uniku ajruport kummerċjali Lussemburgiż, jiġifieri dak ta' Luxembourg-Findel, li n-numru ta' passiġġieri fis-sena jammonta għal 1.7 miljun, dawn ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/12. Dawn huma l-ajruporti ta' Hahn (il-Ġermanja) u ta' Charleroi (il-Belġju), li n-numru ta' passiġġieri huwa, rispettivament, ta' 4 u ta' 2.9 miljun, ajruporti li jinsabu fl-istess żona ta' kummerċ tal-ajruport Lussemburgiż, jiġifieri distanza bil-karozza ta' inqas minn 200 km, u li huma kompetituri diretti ta' dan tal-aħħar. Barra minn hekk, dawn huma ajruporti reġjonali kbar li jinsabu viċin ċentru urban ta' ċertu daqs jew ikkaratterizzat minn ċertu livell ta' attività

ekonomika, bħalma huma l-ajruporti ta' Torino (l-Italja) jew ta' Bordeaux (Franza), b'rispettivament, 3.5 u 3.4 miljun passiġġier.

20 Permezz tat-tieni parti tal-ewwel motiv, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu jsostni li huwa qed jiġi ttrattat bl-istess mod bħalma qed jiġu ttrattati Stati Membri oħra li fuq it-territorju tagħhom hemm stabbiliti ajruporti li l-volum ta' passiġġieri fis-sena jaqbeż il-5 miljun, bħal pereżempju r-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Renju tal-Belġju.

21 Skont il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, għandu, f'dan il-kuntest, li jsir riferiment għall-klassifikazzjoni li tirriżulta mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, tad-9 ta' Diċembru 2005, dwar il-linji gwida Komunitarji dwar il-finanzjament ta' ajruporti u l-għajnuna għall-bidu mill-Istat mogħtija lil linji tal-ajru li jitilqu minn ajruporti reġjonali (ĠU C 315, p 1), u li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/12 jiġi limitat għall-kategoriji ta' ajruporti li n-numru ta' passiġġieri fis-sena jaqbeż il-5 miljun.

22 La d-differenza fit-trattament fir-rigward tal-ajruporti reġjonali l-kbar li huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/12 u lanqas it-trattament identiku tal-ajruport ta' Luxembourg-Findel u l-ajruporti li n-numru ta' passiġġieri fis-sena jaqbeż il-5 miljun ma jistgħu jiġu ġġustifikati. Il-ġestjoni u l-finanzjament tal-ajruporti ta' daqs żgħir jew medju, li jilqgħu inqas minn 5 miljun passiġġier fis-sena, ma jeħtiġux, kif ġustament jirriżulta mill-premessa 3 ta' din id-direttiva, l-applikazzjoni ta' "qafas Komunitarju". Min-naħa l-oħra, id-dikjarazzjoni, imniżżla fil-premessa 4 tal-imsemmija direttiva, li tipprovdi li l-ajruporti "bl-akbar movimenti ta' passiġġieri jgawdi minn tali pożizzjoni privileġġata bħala punt ta' dħul f'dak l-Istat Membru li huwa meħtieġ li tiġi applikata, għal dak l-ajruport, id-[Direttiva 2009/12]", hija mingħajr rilevanza reali fid-dawl tal-għan tagħha, jiġifieri l-ħarsien minn abbuż ta' pożizzjoni dominanti ta' ċerti ajruporti. Il-"pożizzjoni privileġġata" tista' tidħol inkwistjoni biss jekk din realment toħloq, fir-rigward tal-operaturi, vantaġġ tal-istess daqs bħal dak li jirrappreżenta l-fatt li jintlaqgħu iktar minn 5 miljun passiġġier fis-sena. Dan ma huwiex awtomatikament il-każ għall-ikbar ajruport ta' kull Stat Membru.

23 Fir-rigward, b'mod partikolari, tal-ajruport ta' Luxembourg-Findel, dan ma jgawdix minn din il-pożizzjoni inkwantu punt ta' dħul privileġġat fil-Lussemburgu u ma hemm l-ebda riskju ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti fir-rigward tal-operaturi, fid-dawl tas-sitwazzjoni kompetittiva li fih jinsab dan l-ajruport fil-konfront ta' diversi ajruporti li jilqgħu linji tal-ajru li joperaw titjiriet bi prezz baxx u li jinsabu viċin tiegħu, kif ukoll fil-konfront ta' ajruporti li jikkostitwixxu ċentri ta' ajruporti ("hubs") bħalma huma dawk ta' Frankfurt (il-Ġermanja) u ta' Brussell (il-Belġju). Barra minn hekk, f'termini ekonomiċi, l-ajruport Lussemburgiż ma jistax jidħol fil-kategorija bħal dik tal-ajruporti li jirreġistraw iktar minn 5 miljun passiġġier fis-sena, anki jekk dan ibigħ parti iktar sinjifikattiva ta' biljetti tal-ewwel klassi minn dawn l-ajruporti. Għaldaqstant, il-pożizzjoni vantaġġuża tal-awtorità ta' tmexxija tiegħu ma tistax titqies bħala ekwivalenti għal dik tal-awtorità ta' tmexxija ta' ajruport li jilqa' iktar minn 5 miljun passiġġier.

24 Min-naħa l-oħra, ir-riskju ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti huwa iktar reali għall-ajruporti l-oħra reġjonali l-iktar importanti li jinsabu viċin ċentru urban ta' ċertu daqs jew ikkaratterizzat minn ċertu livell ta' attività ekonomika, bħalma huma l-ajruporti ta' Torino jew ta' Bordeaux, peress li dawn ma jidħlux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/12.

25 Huwa ċertament minnu li, fl-oqsma fejn il-leġiżlatur tal-Unjoni għandu jagħmel evalwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi, huwa biss żball manifest ta' evalwazzjoni ta' din tal-aħħar li jista' jaffettwa l-legalità tal-azzjoni tagħha. Madankollu, dan il-prinċipju jippreżumi li dan il-leġiżlatur effettivament wettaq, fil-kawżi inkwistjoni, evalwazzjoni kumplessa, fatt li ma seħħx fil-kawża inkwistjoni. Minkejja li għandu jitqies li l-leġiżlatur wettaq, fuq ċerti punti, evalwazzjoni ta' sitwazzjoni kumplessa, l-evalwazzjoni dwar l-ajruport ta' Luxembourg-Findel, li ż-żona ta' kummerċ hija partikolarment żgħira, ma hijiex kumplessa. Huwa għalhekk ċar illi, billi ġie inkluż dan l-ajruport, li n-numru ta' passiġġieri tiegħu fis-sena bilkemm jilħaq terz ta' dak in-numru li lil hinn minnu huwa meqjus bħala neċessarju li jiġi applikat normalment il-qafas Komunitarju, l-imsemmi leġiżlatur wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni.

26 Ir-Repubblika Slovakka żżid tgħid illi d-data dwar is-sitwazzjoni tal-ajruport ta' Bratislava (is-Slovakkja), li jaqsam l-istess żona ġeografika mal-ajruport ta' Vjenna (l-Awstrija), tqiegħed inkwistjoni d-dikjarazzjoni li tipprovdi li l-ajruport l-iktar importanti ta' Stat Membru huwa dejjem il-"punt ta' tluq" użat mill-parti l-kbira tal-vjaġġaturi. Il-fatt li ajruport huwa l-iktar importanti fi Stat Membru ma huwiex, għalhekk, element determinanti sabiex tiġi evalwata l-pożizzjoni kompetittiva ta' dan l-ajruport f'suq partikolari.

27 Skont il-Kunsill, fid-dawl tal-għan tad-Direttiva 2009/12, il-leġiżlatur tal-Unjoni effettivament qies bħala evidenti li l-ajruporti prinċipali, jiġifieri dawk, bħalma huwa l-ajruport ta' Luxembourg-Findel, li jirreġistraw l-ikbar numru ta' passiġġieri fis-sena fi Stat Membru, igawdu minn pożizzjoni privileġġata fl-Istat Membru li fit-territorju tiegħu dawn jinsabu, b'mod li jitqiesu bħala ajruporti li jaqbżu l-livell ta' 5 miljun passiġġier fis-sena.

28 Madankollu, l-ajruporti reġjonali l-kbar, bħalma huma dawk ta' Charleroi u ta' Hahn, ma jgawdux mill-pożizzjoni privileġġata li jibbenefikaw minnha l-ajruporti prinċipali tal-Istat Membru rispettiv tagħhom. Dawn l-ajruporti ma jikkostitwixxux il-bieb prinċipali ta' dħul fl-Istat Membru rispettiv tagħhom bl-istess mod bħall-ajruport li jirreġistra l-ikbar ammont ta' passiġġieri fis-sena fl-Istat Membru tagħhom, bħalma huwa dak ta' Luxembourg-Findel.

29 Skont il-Parlament, l-għanijiet tad-Direttiva 2009/12 jipprovaw, kif jirriżulta mill-premessa 1 u 2 tagħha, iġiegħlu lill-korpi ta' tmexxija tal-ajruporti sabiex jiffunzjonaw b'mod effikaċi f'termini ta' spejjeż u li jistabbilixxu qafas komuni li jirregola l-komponenti essenzjali tat-tariffi tal-ajruport. Għalhekk, l-imsemmija direttiva hija intiża li tiggarantixxi li l-utenti jkunu jistgħu jkollhom aċċess għas-servizzi

tal-ajruport permezz tal-ħlas ta' tariffi li josservaw il-kundizzjonijiet stabbiliti b'din id-direttiva, billi b'hekk jiġu żgurati n-nondiskriminazzjoni u t-trasparenza.

30 Billi tirreferi għall-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-24 ta' Jannar 2007, dwar t-tariffi tal-ajruporti [COM(2006) 820 finali, iktar 'il quddiem il-"proposta għal direttiva"], il-Kummissjoni ssostni li l-għan tal-imsemmi qafas komuni huwa li jiffaċilità d-diskussjoni dwar t-tariffi tal-ajruporti bejn l-ajruporti u l-linji tal-ajru. Id-Direttiva 2009/12 tfittex li tevita li korp ta' tmexxija ta' ajruport ikun f'pożizzjoni vantaġġuża fil-konfront tal-linji tal-ajru, fir-rigward tal-iffissar tat-tariffi tal-ajruporti, peress li l-ajruport igawdi minn "pożizzjoni privileġġata". Żewġ kategoriji ta' ajruporti jistgħu jsibu ruħhom f'din il-pożizzjoni, jiġifieri l-ajruporti prinċipali f'kull Stat Membru, li ġeneralment jinsabu viċin l-ibliet kapitali u jikkostitwixxu l-"punti ta' dħul" fihom, kif ukoll l-ajruporti li, minħabba d-daqs tagħhom, jinsabu f'sitwazzjoni bħal dik tal-ajruporti tal-ewwel kategorija. L-ajruporti ta' din l-ewwel kategorija evidentement jibbenefikaw, b'mod partikolari minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħhom viċin ħafna l-ibliet abitati minn ħafna nies, il-kwalità tal-infrastruttura tagħhom u tal-fatt li hemm klijentela ta' nies fin-negozju li ma tantx huma sensibbli għal bdil fil-prezz tal-biljett tal-ajru, li iżda huma ostili għall-fatt li jitilfu l-ħin sabiex imorru f'ajruporti li jinsabu iktar minn mitt kilometru miċ-ċentru urban.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

31 Il-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza fit-trattament, inkwantu prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, jeżiġi li sitwazzjonijiet paragunabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati b'mod ugwali, ħlief jekk tali trattament ikun oġġettivament iġġustifikat (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-13 ta' Diċembru 1984, Sermide, 106/83, Ġabra p. 4209, punt 28; tal-5 ta' Ottubru 1994,

Crispoltoni *et*, C-133/93, C-300/93 u C-362/93, Ġabra p. I-4863, punti 50 u 51; tal-11 ta' Lulju 2006, Franz Egenberger, C-313/04, Ġabra p. I-6331, punt 33, kif ukoll tas-16 ta' Diċembru 2008, Arcelor Atlantique et Lorraine *et*, C-127/07, Ġabra p. I-9895, punt 23).

32 In-natura paragunabbli ta' sitwazzjonijiet differenti għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-elementi kollha li jikkaratterizzawhom. Dawn l-elementi għandhom, b'mod partikolari, jiġu ddeterminati u evalwati fid-dawl tal-għan u tal-iskop tal-att tal-Unjoni li jistabbilixxi d-distinzjoni inkwistjoni. Barra minn hekk, għandhom ukoll jiġu kkunsidrati l-prinċipji u l-għanijiet tal-qasam li taħtu jaqa' l-att inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Arcelor Atlantique et Lorraine *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punti 25 u 26 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata)

33 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li d-Direttiva 2009/12 hija bbażata fuq l-Artikolu 80(2) KE, li jipprovdi li l-Kunsill jista' jiddeċiedi jekk, sa fejn u b'liema proċedura ta' dispożizzjonijiet opportuni jistgħu jiġu adottati għat-traffiku fil-baħar u bl-ajru.

34 Għalhekk, peress li l-Kunsill ingħata s-setgħa li jiddeċiedi kemm dwar il-mument kif ukoll dwar il-kontenut u l-portata tal-intervent tiegħu għat-traffiku fil-baħar u bl-ajru, it-Trattat tah setgħa normattiva wiesgħa fir-rigward tal-adozzjoni ta' regoli komuni xierqa (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' Ottubru 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, C-440/05, Ġabra p. I-9097, punt 58; ara, ukoll, fir-rigward tas-setgħa leġiżlattiva tal-Kunsill fil-qasam tal-politika komuni tat-trasport, is-sentenzi tat-28 ta' Novembru 1978, Schumalla, 97/78, Ġabra p. 2311, punt 4, kif ukoll tas-17 ta' Lulju 1997, SAM Schiffahrt u Stapf, C-248/95 u C-249/95, Ġabra p. I-4475, punt 23).

35 Fir-rigward tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-eżerċizzju ta' din il-kompetenza, il-qorti tal-Unjoni ma tistax tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha għal dik tal-leġiżlatur

tal-Unjoni, iżda trid tillimita ruħha sabiex teżamina jekk din hijiex ivvizzjata minn żball manifest jew minn użu ħażin ta' poter jew jekk l-awtorità inkwistjoni marritx manifestament *ultra vires* mil-limiti tas-setgħa normattiva tagħha (ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi tad-29 ta' Frar 1996, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, C-122/94, Ġabra p. I-881, punt 18; tat-12 ta' Novembru 1996, Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill, C-84/94, Ġabra p. I-5755, punt 58; SAM Schiffahrt u Stapf, iċċitata iktar 'il fuq, punt 24, kif ukoll tat-12 ta' Marzu 2002, Omega Air *et*, C-27/00 u C-122/00, Ġabra p. I-2569, punt 64).

36 Huwa fid-dawl tal-kriterji mfakkra fil-punti 31 sa 35 ta' din is-sentenza li għandu jiġi eżaminat l-ewwel motiv invokat mill-Gran Dukat tal-Lussemburgu li jsostni, permezz tal-ewwel parti ta' dan il-motiv, li ġie applikat trattament differenti għal sitwazzjonijiet paragunabbli u, permezz tat-tieni parti tal-imsemmi motiv, li sitwazzjonijiet differenti ġew ittrattati b'mod identiku.

Fuq l-ewwel parti tal-ewwel motiv, ibbażata fuq trattament differenti għal sitwazzjonijiet paragunabbli

37 Fir-rigward tat-trattament differenti għal sitwazzjonijiet paragunabbli, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu essenzjalment isostni li l-ajruport ta' Luxembourg-Findel huwa s-suġġett ta' trattament differenti meta mqabbel ma' dak ta' ajruporti oħra li huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/12 u li t-traffiku annwali tagħhom jaqbeż il-miljun iżda mhux il-5 miljun passiġġier fis-sena u li huma, bħall-ajruport Lussemburgiż, ikklassifikati fil-kategorija ta' ajruporti reġjonali kbar skont il-linji gwida stabbiliti bil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Diċembru 2005. B'mod partikolari, dan huwa trattament differenti meta mqabbel mal-ajruporti ta' Charleroi u ta' Hahn kif ukoll meta mqabbel mal-ajruporti li jinsabu viċin ċentru

urban ta' ċertu daqs jew ikkaratterizzat minn ċertu livell ta' attività ekonomika, bħalma huma l-ajruporti ta' Torino u ta' Bordeaux.

38 F'dan ir-rigward, mill-premessi 3 u 4 tad-Direttiva 2009/12 jirriżulta li, meta din ġiet adottata, il-leġiżlatur tal-Unjoni qies li ma kienx hemm bżonn li jiġu inklużi, fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, l-ajruporti kollha tal-Unjoni, iżda li żewġ kategoriji ta' ajruporti biss kellhom jaqgħu taħt l-imsemmija direttiva, jiġifieri dawk li jaqbżu ċertu daqs minimu u dawk li jirreġistraw l-ikbar numru ta' passiġġieri fis-sena fi Stati Membri li fih l-ebda ajruport ma jilħaq dan id-daqs minimu, bħal dak ta' Luxembourg-Findel.

39 Bis-saħħa tal-Artikolu 1(1) tagħha, din id-direttiva "tistabbilixxi prinċipji komuni għall-ġbir ta' imposti [tariffi] tal-ajruporti" fl-ajruporti. L-għan tagħha huwa li tirregola r-relazzjoni bejn il-korpi ta' tmexxija tal-ajruporti u l-utenti tagħhom fir-rigward tal-iffissar tal-tariffi tal-ajruporti.

40 Il-leġiżlatur tal-Unjoni, permezz tal-adozzjoni ta' qafas komuni, fittex li jtejjeb ir-relazzjoni bejn il-korpi ta' tmexxija tal-ajruporti u l-utenti tagħhom u li jevita li ċerti rekwiżiti bażiċi li jikkonċernaw din ir-relazzjoni ma jiġux osservati, bħalma huma dawk tat-trasparenza tal-tariffi, il-konsultazzjoni mal-utenti tal-ajruport u n-nondiskriminazzjoni bejn dawn tal-aħħar, kif dan jirriżulta mill-premessi 2, 4 u 15 tad-Direttiva 2009/12.

41 Il-paragun bejn l-ajruporti msemmija fil-punt 37 ta' din is-sentenza għandu għalhekk jiġi evalwat b'mod partikolari fid-dawl tas-sitwazzjoni tagħhom fir-rigward tal-utenti ta' dawn l-ajruporti, jiġifieri l-linji tal-ajru.

42 Kif jirriżulta mill-premessa 4 tad-Direttiva 2009/12, l-imsemmi leġiżlatur qies li l-ajruporti li jinsabu fl-Istati Membri li fihom l-ebda ajruport ma jilħaq il-livell minimu stabbilit b'din id-direttiva u li jirreġistraw l-ikbar numru ta' passiġġieri fis-sena, bħalma huwa dak ta' Luxembourg-Findel, igawdu minn pożizzjoni privileġġata fir-rigward tal-utenti tal-ajruporti, inkwantu dawn jikkostitwixxu l-punt ta' dħul f'dawn l-Istati Membri. Għalhekk, huwa kkunsidra, kif osservaw il-Kunsill u l-Kummissjoni, li, fil-każ ta' dawn l-ajruporti, hemm riskju li l-korpi ta' tmexxija tagħhom isibu ruħhom f'pożizzjoni vantaġġuża fir-rigward tal-utenti u, għalhekk, hemm riskju ta' abbuż minn din il-pożizzjoni meta jiġu ffissati t-tariffi.

43 L-imsemmija ajruporti jistgħu jitqiesu bħala l-ajruporti prinċipali fl-Istati Membri li fihom dawn huma rispettivament stabbiliti. Dawn l-ajruporti, bħala regola ġenerali, kif osservat il-Kummissjoni, jinsabu viċin iċ-ċentri politiċi u/jew ekonomiċi l-kbar tal-Istati Membri u jattiraw, fil-parti l-kbira, klijentela ta' nies fin-negozju li għaliha l-prezz tal-biljetti huwa biss kriterju wieħed fost l-oħrajn u li tista' tkun partikolarment sensibbli għall-pożizzjoni ġeografika tal-ajruport, għall-possibbiltà ta' konnezzjoni mal-mezzi l-oħra ta' trasport kif ukoll għall-kwalità tas-servizz ipprovdut.

44 Issa, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 64 tal-konklużjonijiet tiegħu, b'mod partikolari fir-rigward tal-klijentela ta' nies fin-negozju kif ukoll il-parti medja u għolja tas-suq, il-linji tal-ajru tal-Istati Membri bħala Stati terzi għandhom interess strateġiku maġġuri li jipproponu titjiriet lejn u minn ajruport prinċipali bħalma huwa dak ta' Luxembourg-Findel, mingħajr ma l-ammont ta' tariffi tal-ajruporti jew saħansitra l-volum konkret ta' passiġġieri fis-sena jista' jitqies bħala kriterju deċiżiv għal dawn il-linji tal-ajru.

45 Barra minn hekk, jekk linja tal-ajru għandha interess strateġiku li toffri titjiriet lejn u minn Stat Membru partikolari, l-ajruport prinċipali huwa l-uniku punt ta' servizz għaliha fl-Istati Membri li għandhom ajruport wieħed, bħalma huwa l-każ, b'mod

partikolari, għal Gran Dukat tal-Lussemburgu. Fi Stati Membri li fihom hemm diversi ajruporti, jidher, barra minn hekk, li huwa raġonevoli li jiġi kkunsidrat li linja tal-ajru li l-interess uniku tagħha huwa li topera servizz minn ajruport wieħed fi Stat Membru tippreferi l-ajruport li jkollu l-ikbar numru ta' passiġġieri fis-sena.

46 Minkejja li n-numru konkret ta' passiġġieri fis-sena kif ukoll l-ammont tat-tariffi tal-ajruporti jistgħu ċertament ikunu kriterji importanti għal-linji tal-ajru li jipproponu titjiriet lejn u minn ajruport partikolari fi Stat Membru, dawn il-linji tal-ajru għandhom, bħala regola ġenerali, interess strateġiku li joffru dawn it-titjiriet, b'mod li dawn il-kriterji ma jistgħux jitqiesu bħala deċiżivi meta dawn il-linji tal-ajru jagħżlu l-ajruporti li minnhom huma ser joperaw it-titjiriet.

47 F'dawn iċ-ċirkustanzi, fid-dawl tas-setgħa normattiva wiesgħa li għandu l-leġiżlatur tal-Unjoni fil-qasam tal-politika tat-trasport bl-ajru, ma tistax titqiegħed inkwistjoni l-evalwazzjoni tiegħu li tipprovdi li, fl-Istati Membri li fihom ma hemm l-ebda ajruport li jilħaq il-livell minimu stabbilit bid-Direttiva 2009/12, l-ajruport li jirreġistra l-ikbar numru ta' passiġġieri fis-sena għandu jitqies bħala l-punt ta' dħul fl-Istat Membru kkonċernat, fatt li jagħtih pożizzjoni privileġġata fir-rigward tal-utenti tal-ajruporti.

48 Min-naħa l-oħra, l-ajruporti li ma humiex inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/12 ma jistgħux, irrispettivament min-numru konkret ta' passiġġieri fis-sena, jitqiesu bħala l-ajruporti prinċipali tal-Istati Membri li fihom dawn huma stabbiliti. Kif osserva wkoll l-Avukat Ġenerali fil-punti 65, 74 u 77 tal-konklużjonijiet

tiegħu, dawn l-ajruporti jistgħu jitqiesu bħala ajruporti sekondarji tal-Istati Membri li, bħala regola, għandhom importanza strateġika differenti għal-linji tal-ajru fir-rigward tal-ajruporti prinċipali, fatt li jpoġġihom f'sitwazzjoni differenti fir-rigward tal-utenti tal-ajruporti fil-qasam tal-iffissar tat-tariffi tal-ajruporti.

49 B'mod partikolari, fid-dawl ta' dak li ġie kkonstatat fil-punt 45 ta' din is-sentenza, ajruport sekondarju ma jistax bħala regola jitqies bħala punt ta' dħul, fis-sens tal-imsemmija direttiva, fl-Istat Membru li fih dan huwa stabbilit, anki jekk dan huwa ajruport reġjonali kbir li jinsab viċin ċentru urban, bħalma huma l-ajruporti ta' Bordeaux jew ta' Torino. Barra minn hekk, dawn l-ajruporti sekondarji, b'mod partikolari dawk li ma jinsabux viċin ċentru urban, jistgħu jkunu iktar ta' interess għal-linji tal-ajru msejħa "ta' bi prezz baxx". Fil-fatt, dawn il-linji tal-ajru jqanqlu interess f'klijentela li r-rekwiżiti tagħha huma, bħala regola, differenti minn dawk ta' klijentela ta' nies fin-negozju u li huma iktar sensibbli għall-prezzijiet tal-biljetti u huma għalhekk iktar disposti li jagħmlu vjaġġi itwal bejn il-belt ta' servizz u l-ajruport. Dawn it-tali linji tal-ajru, li għalihom l-ammonti ta' tariffi tal-ajruporti huma determinanti, jistgħu jitqiesu bħala li għandhom ċertu setgħa ta' pressjoni li tippermettilhom li jinfluwenzaw l-iffissar tal-livell ta' dawn t-tariffi.

50 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-eżerċizzju mil-leġiżlatur tal-Unjoni tal-kompetenza tiegħu ma huwiex ivvizzjat minn żball manifest jew minn użu ħażin tal-poter u dan tal-aħħar ma marx manifestament *ultra vires* mil-limiti tas-setgħa normattiva wiesgħa li huwa għandu f'dan il-qasam meta kkunsidra li l-ajruporti sekondarji tal-Istati Membri ma jinsabux fl-istess sitwazzjoni, fir-rigward tal-utenti tal-ajruporti, bħall-ajruporti prinċipali. Fi kwalunkwe każ, l-imsemmi leġiżlatur jista' jirrikorri għal klassifikazzjoni skont kriterji oġġettivi u fuq il-bażi ta' konstatazzjonijiet globali sabiex ikun jista' jistabbilixxi leġiżlazzjoni ġenerali u oġġettiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' April 2010, Gualtieri vs Il-Kummissjoni, C-485/08 P, Ġabra p. I-3009, punt 81). Dan jgħodd b'mod partikolari meta l-leġiżlatur tal-Unjoni jimplementa politika komuni li tinvolvi l-ħtieġa li tiġi evalwata sitwazzjoni ekonomika kumplessa, bħalma huwa b'mod ġenerali l-każ fil-qasam tat-trasport bl-ajru (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitata iktar 'il fuq SAM Schiffahrt u Stapf, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll Omega Air *et*, punt 65).

51 F'dawn iċ-ċirkustanzi, jixraq li l-ewwel parti tal-ewwel motiv, ibbażata fuq trattament differenti ta' sitwazzjonijiet paragunabbli tiġi miċħuda.

Fuq it-tieni parti tal-ewwel motiv, ibbażata fuq ugwaljanza fit-trattament għal sitwazzjonijiet differenti

52 Fir-rigward tat-tieni parti tal-ewwel motiv, ibbażata fuq ugwaljanza fit-trattament għal sitwazzjonijiet differenti, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu essenzjalment isostni li l-ajruporti li jirreġistraw l-ikbar numru ta' passiġġieri fis-sena fl-Istati Membri li fihom l-ebda ajruport ma jilħaq il-livell ta' 5 miljun passiġġier fis-sena huma ttrattati bl-istess mod bħall-ajruporti li jilqgħu iktar minn 5 miljun passiġġier fis-sena, minkejja li tal-ewwel la għandhom l-istess pożizzjoni vantaġġuża fir-rigward tal-utenti tal-ajruporti u lanqas l-istess setgħa ekonomika bħal dawn tal-aħħar.

53 F'dan ir-rigward, huwa paċifiku bejn il-partijiet fil-kawża inkwistjoni li l-ajruporti li t-traffiku annwali tagħhom jaqbeż il-5 miljun passiġġier fis-sena għandhom, minħabba dan l-istess numru, pożizzjoni privileġġata fir-rigward tal-utenti u li l-inklużjoni ta' din il-kategorija ta' ajruporti fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/12 kienet iġġustifikata fid-dawl kemm tal-għan kif ukoll tal-iskop tagħha.

54 Il-fatt li s-sitwazzjoni ta' dawn l-ajruporti ma hijiex identika għal dik tal-ajruporti li jirreġistraw l-ikbar numru ta' passiġġieri fis-sena fi Stati Membri li fihom l-ebda ajruport ma jilħaq il-5 miljun passiġġier fis-sena ma jfissirx, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 82 tal-konklużjonijiet tiegħu, li l-inklużjoni ta' dawn l-ajruporti fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/12 tmur kontra l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament. Fil-fatt, dawn iż-żewġ kategoriji ta' ajruporti huma, ġustament, meqjusa li għandhom pożizzjoni privileġġata fir-rigward tal-utenti ta' dawn l-ajruporti, kif

ġie kkonstatat fil-punti 47 u 53 ta' din is-sentenza, u għalhekk jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli. Il-fatt li l-oriġini ta' din il-pożizzjoni tinsab, fl-ewwel każ, fil-pożizzjoni strateġika tal-ajruporti kkonċernati u, fil-każ l-ieħor, fl-importanza tat-traffiku annwali ma jistax, fid-dawl tal-għan u tal-iskop tal-imsemmija direttiva, jivvizzja b'irregolarità l-evalwazzjoni magħmula mil-leġiżlatur tal-Unjoni.

55 F'dawn iċ-ċirkustanzi, jixraq li t-tieni parti tal-ewwel motiv, ibbażata fuq ugwaljanza fit-trattament għal sitwazzjonijiet differenti tiġi miċħuda u, għalhekk, dan il-motiv kollu kemm hu għandu jiġi miċħud.

*Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità*

L-argumenti tal-partijiet

56 Skont il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2009/12 jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità peress li l-kriterju li jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva huwa nieqes minn rilevanza fid-dawl tal-għanijiet tiegħu. Barra minn hekk, għalkemm, ċertament, l-applikazzjoni tal-prinċipji tar-relazzjoni tat-tariffi mal-ispejjeż, tan-nondiskriminazzjoni u tat-trasparenza ma joħolqux problemi għall-ajruport ta' Luxembourg-Findel, il-proċeduri u l-ispejjeż amministrattivi kif ukoll il-mekkaniżmi formali li jirriżultaw minn din id-direttiva huma, min-naħa l-oħra, eċċessivi u sproporzjonati meta mqabbla mad-daqs ta' dan l-ajruport. Il-mekkaniżmi ta' konsultazzjoni u ta' superviżjoni jiġġeneraw spejjeż għall-ajruport ta' Luxembourg-Findel kif ukoll għall-Istat tal-Lussemburgu. Għalhekk, l-ispiża tal-applikazzjoni tal-imsemmija direttiva għat-tariffi tal-ajruporti kienet ġiet

stmata għal EUR 839 500, li, wara li jitqassmu fuq il-passiġġieri, iwassal għal żieda ta' 16 % tat-tariffi attwali għas-servizzi marbuta mal-passiġġieri.

57 Skont ir-Repubblika Slovakka, il-Parlament u l-Kunsill ma ġġustifikawx, b'kriterji oġġettivi u proporzjonali għall-għan imfittex mid-Direttiva 2009/12, ir-raġuni għaliex l-ajruporti, li jinsabu fl-Istati Membri li fihom l-ebda ajruport ma jilħaq il-livell ta' 5 miljun passiġġier fis-sena u li jirreġistraw l-ikbar numru ta' passiġġieri fl-Istat Membru kkonċernat, ġew inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija direttiva. L-inklużjoni tat-tali ajruport fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva sempliċement għaliex huwa l-iktar ajruport importanti ta' dan l-Istat Membru ma jikkontribwixxix sabiex jintlaħaq l-għan prinċipali tagħha, jiġifieri li ttejjeb il-kompetizzjoni bejn l-ajruporti u tillimita l-abbużi minn pożizzjoni dominanti. Lanqas il-garanzija li, f'kull Stat Membru, l-imsemmija direttiva għandha tapplika għal tal-inqas ajruport wieħed, irrispettivament mill-kwistjoni dwar jekk dan l-ajruport għandux pożizzjoni dominanti fis-suq jew jekk il-pożizzjoni tiegħu hijiex totalment insinjifikanti, ma tikkontribwixxi sabiex jintlaħaq dan l-għan.

58 Il-Kunsill ifakkar il-ġurisprudenza li tipprovdi li hija biss in-natura manifestament mhux xierqa ta' miżura fir-rigward tal-għan li l-istituzzjoni kompetenti tfittex li tilħaq li tista' taffettwa l-legalità ta' din il-miżura. Fil-fehma tiegħu, ir-rikors ma weriex li d-Direttiva 2009/12 hija manifestament mhux xierqa fir-rigward tal-għan li din issegwi.

59 Skont il-Parlament, għandu jiġi kkunsidrat il-fatt li l-leġiżlatur tal-Unjoni sempliċement adotta regoli minimi u li pprovda lill-Istati Membri bil-mezzi għall-applikazzjoni flessibbli ta' dawn ir-regoli. Barra minn hekk, il-fatt li d-Direttiva 2009/12 ma tapplikax għall-ajruporti kollha ma jipprovax li s-sistema stabbilita b'din id-direttiva ma kinitx meħtieġa.

60 Il-Kummissjoni tispeċifika li, matul l-abbozzar tad-Direttiva 2009/12, diversi għażliet ġew ippjanati. Kemm mill-proposta għal direttiva kif ukoll mill-analiżi ta' impatt

[SEC(2006) 1688] jirriżulta li l-iktar vinkolanti mill-għażliet studjati ġiet injorata, b'mod partikolari minħabba li din kienet ser twassal għal żieda mhux żgħira fl-ispejjeż amministrattivi. L-għażla finalment magħżula li sempliċement tiffissa l-prinċipji komuni, minkejja l-effikaċja minima tagħha, ġiet ippreferuta minħabba li l-effett finanzjarju tagħha huwa inqas sinjifikattiv.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

61 Skont ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-prinċipju ta' proporzjonalità jagħmel parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni Ewropea u jeżiġi li l-miżuri implementati permezz ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni għandhom ikunu kapaċi li jilħqu l-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni kkonċernata u ma jmorrux *ultra vires* minn dak li huwa meħtieġ sabiex jilħqu dan (sentenza tat-8 ta' Ġunju 2010, Vodafone *et*, C-58/08, Ġabra p. I-4999, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

62 F'dak li jirrigwarda l-istħarriġ ġudizzjarju tal-osservanza ta' dawn il-kundizzjonijiet, f'oqsma fejn il-leġiżlatur tal-Unjoni għandu setgħa normattiva wiesgħa, bħal fil-qasam tat-trasport bl-ajru (ara s-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq, punt 58), hija biss in-natura manifestament mhux xierqa ta' miżura stabbilita f'wieħed minn dawn l-oqsma meta mqabbla mal-għan li l-istituzzjonijiet kompetenti riedu jilħqu li tista' taffettwa l-legalità ta' din il-miżura (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Omega Air *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 64).

63 Madankollu, anki fil-preżenza ta' tali setgħa, il-leġiżlatur tal-Unjoni huwa marbut jibbaża l-għażla tiegħu fuq kriterji oġġettivi. Barra minn hekk, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tar-restrizzjonijiet marbuta mal-miżuri differenti possibbli, għandu jiġi eżaminat jekk l-għanijiet imfittxija mill-miżura magħżula humiex ta' natura li tiġġustifika l-konsegwenzi ekonomiċi negattivi, anki kunsiderevoli għal ċerti

operaturi (sentenzi ċċitata iktar 'il fuq Arcelor Atlantique et Lorraine *et*, punt 58, kif ukoll Vodafone *et*, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

64 Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha teżamina, fuq il-bażi tal-kriterji msemmija fit-tliet punti preċedenti, jekk, kif isemmi b'mod partikolari l-Gran Dukat tal-Lussemburgu, id-Direttiva 2009/12 tiksirx il-prinċipju ta' proporzjonalità billi tinkludi fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha l-ajruporti li jinsabu fi Stati Membri li fihom l-ebda ajruport ma jilħaq il-livell minimu previst minn din id-direttiva u li jirreġistraw l-ikbar numru ta' passiġġieri fis-sena, irrispettivament min-numru konkret ta' dawn il-passiġġieri.

65 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni wettqet, qabel ma abbozzat il-proposta għal direttiva, analiżi tal-impatt fejn l-għażliet studjati ġew ukoll miġbura f'din il-proposta. Minn dan jirriżulta li hija eżaminat għażliet differenti f'dan il-qasam, li fosthom hemm, b'mod partikolari, l-abbozzar u l-adozzjoni mill-operaturi fis-settur tal-ajru ta' miżuri awtoregolatorji volontarji, l-adozzjoni ta' qafas legali li jeżiġi l-osservanza tal-prinċipji komuni għall-iffissar ta' tariffi tal-ajruporti fuq livell nazzjonali kif ukoll il-ħolqien ta' qafas legali li jimponi l-ġbir u l-iffissar ta' tariffi fuq il-bażi ta' metodu ta' kalkolu wieħed.

66 Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk l-adozzjoni ta' qafas li jimponi l-osservanza ta' prinċipji komuni għall-iffissar ta' tariffi tal-ajruporti fuq livell nazzjonali, soluzzjoni li finalment intgħażlet mid-Direttiva 2009/12, hijiex adatta sabiex jintlaħaq l-għan tal-imsemmija direttiva, huwa paċifiku bejn il-partijiet li, meta hemm riskju li l-korpi ta' tmexxija tal-ajruporti jsibu ruħhom f'sitwazzjoni privileġġata fir-rigward tal-utenti tal-ajruporti u, għalhekk, hemm riskju, f'dak li jikkonċerna l-iffissar tat-tariffi tal-ajruporti, li jabbużaw minn din il-pożizzjoni, dan il-qafas huwa adatt li jipprevjeni, bħala regola, dan ir-riskju milli jseħħ. Din il-konklużjoni tgħodd ukoll għall-ajruporti

li jinsabu fl-Istati Membri fejn l-ebda ajruport ma jilħaq il-5 miljun passiġġier fis-sena u li jirreġistraw l-ikbar numru ta' passiġġieri.

67 Fir-rigward tan-natura meħtieġa ta' dan il-qafas, għandu jiġi kkonstatat li l-Gran Dukat tal-Lussemburgu ma semmiex miżuri inqas vinkolati li jippermettu li dan l-għan jintlaħaq bl-istess mod effikaċi bħall-qafas li jistabbilixxi prinċipji komuni fil-qasam tat-tariffi tal-ajruporti.

68 Fir-rigward tan-natura proporzjonali tad-Direttiva 2009/12, din qed tiġi kkontestata għaliex din id-direttiva teżiġi proċeduri u spejjeż amministrattivi eċċessivi u sproporzjonati meta mqabbla mad-daqs tal-ajruporti li jinsabu fl-Istati Membri li fihom l-ebda ajruport ma jilħaq il-5 miljun passiġġier fis-sena u li jirreġistraw l-ikbar numru ta' passiġġieri, bħalma huwa l-każ ta' Luxembourg-Findel.

69 F'dan ir-rigward, xejn ma jippermetti li jiġi kkonstatat li l-ispejjeż li jirriżultaw mis-sistema stabbilita bid-Direttiva 2009/12, għall-ajruporti kkonċernati jew għall-Istati Membri, huma manifestament sproporzjonati fir-rigward tal-vantaġġi li jirriżulta minnha.

70 Fir-rigward, minn naħa, tal-effetti tad-Direttiva 2009/12 fuq il-funzjonament tal-ajruporti kkonċernati, jixraq li jiġi kkunsidrat li l-Artikolu 6 tagħha sempliċement jistabbilixxi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jimplementaw, permezz tal-korpi ta' tmexxija tal-ajruporti, proċedura ta' konsultazzjoni regolari mal-utenti tagħhom, li sseħħ, bħala regola, darba waħda biss fis-sena, mingħajr ma l-modalitajiet konkreti ta' din il-proċedura ta' konsultazzjoni huma speċifikati f'dan l-artikolu. Għalhekk, dawn l-ajruporti huma, bħala regola, ħielsa li jorganizzaw din il-proċedura skont id-daqs tagħhom u l-mezzi finanzjarji u ta' persunal li huma għandhom. L-istess artikolu jistabbilixxi, fil-paragrafu 5 tiegħu, li l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, taħt ċerti kundizzjonijiet, li ma jagħmlux użu mill-intervent tal-awtorità ta' superviżjoni indipendenti nazzjonali nnominata skont l-Artikolu 11 tal-imsemmija direttiva.

71 Min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' din l-awtorità, l-imsemmi Artikolu 11 sempliċement jistabbilixxi obbligu għall-Istati Membri li jinnominaw jew li jistabbilixxu din l-awtortià u ma jimponix fuqhom miżuri ta' organizzazzjoni speċifiċi li jimplikaw li dawn għandhom ikunu ta' ċertu daqs. Ma' dan jista' jiżdied il-fatt li, skont il-paragrafu 2 tal-istess artikolu, l-implementazzjoni ta' din id-direttiva tista' tiġi ddelegata lil awtoritajiet oħra ta' superviżjoni indipendenti. Fl-aħħar nett, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 103 tal-konklużjonijiet tiegħu, ma jidhirx li l-ispejjeż minħabba l-implementazzjoni tad-Direttiva 2009/12 jistgħu jwasslu għat-tluq ta' linji tal-ajru minn ajruport bħalma huwa dak ta' Luxembourg-Findel.

72 Minn dak li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li t-tieni motiv invokat mill-Gran Dukat tal-Lussemburgu insostenn tar-rikors tiegħu, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, għandu jiġi miċħud bħala infondat.

*Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' sussidjarjetà*

L-argumenti tal-partijiet

73 Permezz tat-tielet motiv tiegħu, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu jsostni li l-fatt li qed tiġi rregolata fuq livell tal-Unjoni sitwazzjoni li tista' tiġi rregolata fuq livell nazzjonali, meta l-livell ta' 5 miljun passiġġier fis-sena ma huwiex milħuq, ma huwiex kompatibbli mal-prinċipju ta' sussidjarjetà. Din l-inkompatibbiltà tintwera mill-fatt li ajruporti li huma madankollu ta' daqs ikbar minn dak ta' ajruporti bħal Luxembourg-Findel huma eżenti milli josservaw l-obbligi li jirriżultaw mid-Direttiva 2009/12.

74 F'dan ir-rigward, il-Kunsill isostni li r-rikors ma jispeċifikax f'xiex jikkonsisti l-allegat ksur tal-prinċipju ta' sussidjarjetà. Fil-fehma tiegħu, jixraq li jiġi eżaminat jekk l-għan imfittex mill-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2009/12 setax jintlaħaq b'mod aħjar fuq il-livell tal-Unjoni. Fil-fatt, il-prinċipji essenzjali ta' din id-direttiva, b'mod partikolari t-trasparenza, in-nondiskriminazzjoni u l-konsultazzjoni mal-utenti tal-ajruporti, jiffaċilita direttament it-tkomplija tal-attivitajiet tal-linji tal-ajru. Dan jgħodd ukoll għall-ajruporti, li l-pożizzjoni tagħhom hija msaħħa fir-rigward tal-linji tal-ajru l-kbar, peress li dawn tal-aħħar ma għadx għandhom il-possibbiltà li jitolbu tariffi preferenzjali favur tagħhom. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, kif ukoll tan-natura internazzjonali tas-suq tal-avjazzjoni, il-Kunsill iqis li l-għanijiet tal-imsemmija direttiva jistgħu biss jintlaħqu fuq il-livell tal-Unjoni.

75 Il-Parlament iqis li r-rikors ma jidhirx li qed jikkritika l-eżistenza stess tal-intervent tal-leġiżlatur tal-Unjoni. Għalhekk, huwa diffiċli li wieħed jifhem fuq liema bażi ksur tal-prinċipju ta' sussidjarjetà jista' jiġi bbażat. Min-naħa l-oħra, jekk il-Gran Dukat tal-Lussemburgu b'sussidjarjetà jifhem il-marġni ta' azzjoni mogħtija lill-Istati Membri, għandu jiġi kkonstatat li dan il-marġni hu miżmum sew, peress li d-Direttiva 2009/12 la tistabbilixxi l-mod tal-kalkolu tat-tariffi u lanqas ma timponi d-dħul li għandu jiġi kkunsidrat. Barra minn hekk, ir-rekwiżiti dwar l-organizzazzjoni tal-awtorità ta' superviżjoni huma relattivament limitati.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

76 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-prinċipju ta' sussidjarjetà huwa stabbilit fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 KE u kkonkretizzat bil-Protokoll fuq l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità, anness mat-Trattat, u li fuq il-bażi tiegħu, il-Komunità ma tintervjenix f'oqsma li ma jaqgħux taħt il-kompetenza esklużiva tagħha, ħlief jekk fil-miżura fejn l-għanijiet tal-azzjoni proposta ma jkunux jistgħu jintlaħqu sew mill-Istati Membri u għaldaqstant jistgħu, minħabba d-daqs jew l-effetti tal-azzjoni proposta, jiġu milħuqa aħjar fuq livell Komunitarju. Dan il-protokoll jistabbilixxi wkoll, fil-paragrafu 5 tiegħu, xi linji gwida sabiex jiġi

ddeterminat jekk dawn il-kundizzjonijiet humiex sodisfatti (is-sentenza Vodafone *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 72).

77 Fil-rigward tal-atti leġiżlattivi, l-imsemmi protokoll jippreċiża, fil-paragrafi 6 u 7 tiegħu, li l-Komunità tilleġiżla biss sa fejn huwa neċessarju u li l-miżuri tal-Komunità għandhom iħallu l-marġni ta' diskrezzjoni l-iktar wiesa' possibbli fuq livell nazzjonali, liema marġni għandu madankollu jibqa' kompatibbli mal-għan tal-miżura u mal-osservanza tar-rekwiżiti tat-Trattat (is-sentenza Vodafone *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 73).

78 Barra minn hekk, huwa jippreċiża, fil-paragrafu 3 tiegħu, li l-prinċipju ta' sussidjarjetà ma jqiegħedx inkwistjoni l-kompetenzi mogħtija lill-Komunità mit-Trattat, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja.

79 Il-prinċipju ta' sussidjarjetà japplika meta l-leġiżlatur tal-Unjoni juża l-Artikolu 80 KE bħala bażi legali, sa fejn din id-dispożizzjoni ma tagħtihx kompetenza esklużiva sabiex jadotta r-regoli fil-qasam tat-trasport bl-ajru.

80 F'din il-kawża, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu ma spjegax b'mod fattwali t-tielet motiv tiegħu, b'mod li jippermetti li jsir stħarriġ ġudizzjarju fuq il-kwistjoni dwar sa fejn leġiżlazzjoni nazzjonali tista' b'mod suffiċjenti tilħaq l-għan imfittex mid-Direttiva 2009/12 fi Stat Membru li fih l-ajruport prinċipali ma jilħaqx il-livell minimu previst mill-Artikolu 1(2) ta' din id-direttiva.

81 Barra minn hekk, l-argument invokat minn dan l-Istat Membru insostenn tat-tielet motiv tiegħu, li jipprovdi li qafas komuni ma huwiex meħtieġ għall-ajruporti li jirreġistraw inqas minn 5 miljun passiġġier fis-sena, ma jistax jintlaħaq, b'mod partikolari fid-dawl ta' dak li ġie kkonstatat fil-punti 47, 48 u 53 sa 55 ta' din is-sentenza.

Minn dawn jirriżulta li mhux biss l-ajruporti li jirreġistraw iktar minn 5 miljun passiġġier fis-sena, iżda wkoll dawk li jikkostitwixxu l-ajruport prinċipali tal-Istat Membru tagħhom, irrispettivament min-numru konkret ta' passiġġieri fis-sena, huma meqjusa li għandhom pożizzjoni privileġġata.

82 Il-fatt li parti mill-ajruporti li jirreġistraw traffiku annwali li huwa inqas minn 5 miljun passiġġier fis-sena ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/12 ma jistax, min-naħa tiegħu, jiġi utilment invokat bħala prova ta' ksur tal-prinċipju ta' sussidjarjetà, peress li dan il-fatt sempliċement jista' juri li l-leġiżlatur tal-Unjoni qies, ġustament fid-dawl ta' dak li ġie kkonstatat fil-punti 38 u 48 ta' din is-sentenza, li ma kienx hemm bżonn li jiġu inklużi f'dan il-kamp ta' applikazzjoni l-imsemmija l-ajruporti meta dawn ma jikkostitwixxux l-ajruport prinċipali tal-Istat Membru tagħhom.

83 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tielet motiv invokat mill-Gran Dukat tal-Lussemburgu insostenn tar-rikors tiegħu, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' sussidjarjetà, għandu jiġi miċħud bħala infondat.

84 Peress li l-ebda mill-motivi tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu insostenn tar-rikors tiegħu ma ġew milqugħa, dan għandu jiġi miċħud.

**Fuq l-ispejjeż**

85 Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li l-Gran Dukat tal-Lussemburg tilef, hemm lok li huwa jiġi ordnat ibati l-ispejjeż kif mitluba mill-Parlament u mill-Kunsill. Skont

l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 4 tal-istess artikolu, l-intervenjenti f'din il-kawża għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Ir-rikors huwa miċħud.**

2) **Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu huwa kkundannat għall-ispejjeż.**

3) **Ir-Repubblika Slovakka u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess.**

Firem